*Din ħadet l-ewwel premju*]

# IL-BIERAĦ......IL-LUM

*Lilek Ġ...ifhimni.*

Jien kont għasfur; kont ngħanni, kont nittajjar
Minn qalb id-dell tal-frieġħi għal fuq l-għadajjar,
Minn fuq l-għoljiet ħadrana għal fuq ix-xmajjar,
Mix-xmajjar għal-widien,
Ferħan,
Dejjem ferħan,
Ferħan li nista' 'mmur fejn irrid jien.

U qalbi kienet hemm fl-għoli tas-sema
Titlieġħeb f'dak il-ġmiel ta' sħab bajdani,
Le, qatt ma qabżet minn għajnejja demgħa,
Għax kollox kien daħkani.

Iżda kif darba x-xemx ta' fil-għaxija
Kienet q'ed tgħib wara l-għoljiet dellija
U tħammar is-smewwiet,
Ah, f'dak is-skiet,
Maż-żiffa, mill-ħaxix telgħet il-fwieħa
Tal-ward, u magħha l-għanja li bil-ħlewwa
Messitli qalbi w baqgħet dieħla ġewwa.

Jien żammejt sħiħ. Għalxejn. Ma stajtx nagħlibha
Dik is-sejħa ta' seħer. Tielgħa ħdejja,
Serqitli qalbi għal kollox. Xtaqt li ninżel
Biex nara mnejn hi ġejja.

U bla ma qgħadt naħsibha,
Ċħadt is-sema li kont fiha,
Ċħadt il-wesa tal-irjieħ,
Ċħadt ix-xemx ma ridtx naf biha,
Ċħadt dak l-hena li kont fih.
U minnufih
Inżilt.

* * *

Hemmfuq ix-xemx il-lum qe'd tisreġ sħiħa;
Bajdani s-sħab fis-sema
Jiġġerra mal-irjieħ; tal-ward il-fwieħa,
Il-ħsejjes tal-widien, l-għana ta' sħabi,
L'għajta tal-bhejjem,
Kollox, kollox għad hemm, jinħass, jinstema,
U jibqa' għal dejjem.
Kollox għad hemm... Jien iżda le. Qarrieqa
L-għanja ressqitni lejn il-qafas. Dieqa
Ta' qalb hi ħajti 'llum f'ħoġor di' t-tieqa.

20 ta' Awissu 1933 L. E. Martin (Art. Vassallo)